MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 44/2005

Il-Pulizija
(Spt. Josric Mifsud)

Vs
Alfred Briffa

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’Ottubru, 2004 bhala editur tal-gazzetta T-Torca, naqas li jippubblika risposta li ntbaghtet lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 248, liema risposta kellha tigi ppublikata fil-harga ta’ l-istess gazzetta tat-3 jew l-10 t’Ottubru, 2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 21(4) tal-Kap. 248, u wara li qiset ukoll li effettivament il-pubblikazzjoni fil-fatt saret imma barra mit-

terminu mpost fil-ligi, kkundannatu ghal multa fis-somma ta’ hamsin lira Maltin (LM50).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Frar, 2005, li bih talab li s-sentenza appellata tigi revokata w ghalhekk l-esponent jigi mehlus minn kull imputazzjoni w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta’ Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi li ma ghandhiex tkun anqas minn multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200).

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu li z-zewg appelli ghandhom jigu trattati kontestwalment u li bih iddikjaraw reciprokament li jaqblu fuq il-fatti dikjarati fir-rikorsi tal-appell.

Rat il-fedina penali aggornata tal-apellant/appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alfred Briffa huma s-segwenti w cioe’ :- li hu **ma kienx obbligat** li jippublika dik l-ittra la fit-terminu w anqas wara t-terminu , ghax kienet ingurjuza. L-Ewwel Qorti qalet li l-appellant ma kien raha xejn ingurjuz fl-ittra tant li effettivament ippublikaha *in toto* tardivament . Dan hu inaccettabbli ghax l-ezercizzju tal-Ewwel Qorti kellu jkun (1) oggettivament u (2) *prima facie* dik l-ittra kellhiex xi haga ngurjuza fiha jew le . X’ jissuspetta jew ma jissusspettax l-appellant ma jiccentrax. Il-fatt li l-ittra dehret tardivament ma jibdilx il-kontenut taghha. Il-fatt li l-appellant ippublika dak li ma kienx obbligat li jippublika m’ ghandux jati barka lill-ingurja manifesta kontenuta fir-risposta. Inoltre l-appellant baqa’

jsostni l-ewwel eccezzjoni tieghu li l-Kummissarju ma baghat ebda ittra lill-appellant biex tigi pubblikata ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap. 248 ghax din intbaghtet mill-Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi bhala dikjarazzjoni tal-Korp tal-Pulizija u dan hu *toto caelo* differenti billi wiehed mhux l-iehor. X' intestatura nghatat l-ittra li xxandret tardivament ma jghodd xejn. Il-Kummissarju mhux il-Korp u l-Korp mhux il-Pulizija w dak li qalet l-Ewwel Qorti li persuna tista' tezercita d-dritt ta' risposta billi xi hadd jibghat risposta f' isimha m' ghandux x' jaqsam.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti fil-waqt li sabet il-htija tal-appellat Alfred Briffa, flok tat ghall-inqas il-minimum stipulat fl-artikolu 21 (4) tal-Kap.248 tal-Ilgijiet ta' Malta w cioe' mitejn lira multa (LM200), imponiet biss multa ta' hamsin lira (LM50). F' kull kaz, visto l-gravita' tal-kaz, il-multa kellha tkun aktar minn mitejn lira (LM200).

Illi hu ovvju li l-ewwel irid jigi deciz l-appell tal-appellant Briffa fil-mertu qabel ma din il-Qorti tkun tista tibda biex tikkonsidra l-appell tal-Avukat Generali li jikkoncerna biss il-piena erogata.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza jistghu jigu riassunti hekk:- Fil-harga tal-gurnal It-Torca, li tieghu Alfred Briffa kien l-editur, tal-Hadd, 19 ta' Settembru, 2004, deher artikolu minn John Pisani bit-titolu "*Pulizija demoralizzati wara kummenti mill-Kummissarju*", liema artikolu kien fih rapport ta' laqgha li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu mall-gurnalisti. Dar-rapport kien imzewwaq b' xi kummenti tal-awtur dwar l-moral tal-Korp ghax kif intqal "..*dan id-diskors mill-kap tal-Korp tal-Pulizija urta lil hafna li jahdmu u qatt ma jkunu rikonoxxuti."* Intqal ukoll li "*Suppost il-Korp huwa "familja" u l-missier qatt m'ghandu juri preferenzi biex izomm il-moral gholi*" u kummenti ohra fl-istess ton u bl-istess portata w dan ghax il-Kummissarju kien fahhar l-operat ta' fizzjal attiv f' certu qasam tal-investigazzjoni kriminali.

Fl-1 t’ Ottubru, 2004, inkitbet ittra bl-intestatura “Community and Media Relations Unit, Police General Headquarters” u ffirmata minn Lawrence Cauchi, Assistant Kummissarju (Amministrazzjoni), fejn dan talab lill-editur Briffa biex, kif provvdut fl-artikolu 21 tal-Kap.248 dwar l-Istampa, jippublika dikjarazzjoni tal-Korp tal-Pulizija fil-gurnal tieghu , bi twegiba ghall-artikolu fuq imsemmi. (fol. 10 u 11). Din l-ittra tirrizulta li giet notifikata dak in-nhar stess lill-Briffa mill-‘correspondence receipt form’ esebita. (Fol. 13). Il-kontenut ta’ din l-ittra pero’ deher biss pubblikat fil-harga tat-Torca tal-24 t’ Ottubru, 2004 (fol. 14), cioe’ wara tlitt hargiet tal-gurnal li hargu fit-3,10 u 17 t’ Ottubru, rispettivament . Din l-ittra giet inkluza fir-rubrika settimanali tal-gurnalista John Pisani b’ introduzzjoni qasira w segwita minn risposta tal-istess gurnalista John Pisani fejn, a sua volta, rrisponda ghar-risposta. Kollox deher migbur go kaxxa bit-titolu “**L-Iskwadra ta’ l-Omicidji – Il-Korp idawwar id-diskors kif jaqbillu”.**

Ikkonsidrat;

Illi skond l-artikolu 21 (1) tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap.248) kull persuna li l-opinjonijiet taghha jew l-intenzjonijiet taghha jkunu gew imfissra hazin jew li tigi esposta ghall-attakk fuq l-unur, id-dinjita’ jew ir-reputazzjoni taghha jew ghal indhil fil-hajja privata taghha permezz ta’ jew f’ gazzetta, jkollha d-dritt li titlob u li tigi pubblikata minnufieh, minghajr hlas, fl-istess gazzetta, dikjarazzjoni bhala kontradizzjoni jew spjegazzjoni. It-tieni proviso tal-istess sub-inciz pero’ jiddisponi li ebda persuna ma tkun mehtiega li tippublika dikjarazzjoni bhala kontradizzjoni jew spjegazzjoni li tkun ingurjuza. Is-sub-artikolu (2) umbaghad jiddisponi li fil-kaz ta’ gazzetta, tali risposta ghandha tigi pubblikata bhala artikolu separat u minghajr ma jiddahhlu fih xi kummenti jew jidher xi materjal iehor li ma jkunx jaghmel parti mir-risposta w dan bi prominanza wgwali ghall-publikkazzjoni li dwarha tkun qed issir ir-risposta w hadd ma jista’ jhassar jew jeditja r-risposta b’ mod li jippregudika t-twettieq effettiv tad-dritt tar-risposta. Fil-kaz ta’ pubblikazzjoni f’ gazzetta li tohrog f’ intervalli ta’ mill-inqas gimgha, (bhal fil-kaz tat-Torca) dik id-

dikjarazzjoni ghandha tigi pubblikata fil-harga li tigi minnufieh wara li tigi ricevuta t-talba jekk dik it-talba tigi ricevuta mill-inqas erbat ijiem qabel il-pubblikazzjoni ta' dik il-harga u mhux aktar tard mit-tieni harga li tigi wara li tkun giet ricevuta t-talba f' kazijiet ohra.

Illi ghalhekk ladarba it-talba saret u giet ricevuta fl-1 t' Ottubru, 2004 u l-ewwel harga tal-gurnal It-Torca kien imiss li tohrog inqas minn erbat ijiem wara u cioe' fit-3 t' Ottubru, 2004, din l-ittra b' risposta, jekk kellha tigi pubblikata, suppost li giet pubblikata mhux aktar tard mill-harga tal-10 t' Ottubru, 2004. Fuq dan ma hemmx kontestazzjoni.

L-appellant Briffa pero' jghid li hu ma kienx obbligat li jippublika l-istess risposta ghax din kienet ingurjuza. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ma giex indikat minnu pero' fil-konfront ta' min kienet ingurjuza din l-ittra . Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-kontenut tal-ittra in risposta w rat li fil-fatt hija diretta eskluzivament lejn l-awtur tal-ewwel artikolu, l-gurnalista John Pisani w hadd aktar u ghalhekk tifhem li, jekk kien hemm xi ingurja, din kienet fil-konfront tieghu w hadd aktar. Illi din il-Qorti bla tlaqlieq tiddikjara li mill-ezami akkurat li ghamlet tal-imsemmija ittra in risposta, ma tirraviza ebda ingurja fil-konfront tal-gurnalist Pisani. Kieku din verament kienet ingurjuza, wiehed kien jistenna li jaqra xi accenn ghal dan fir-risposta dettaljata li l-istess John Pisani rabat mall-ittra go artikolu nkaxxat taht titolu wiehed – mod dan li minnu nnifsu ukoll kien jippekka kontra dak li hu provvdut fis-subartikolu (2) tal-artikolu 21 fuq imsemmi. Imkien ma semma Pisani li qed jirrizerva xi drittijiet tieghu ghax gie ingurjat bir-risposta li hu stess ghogbu jippublika fir-rubrika tieghu. Ghalhekk l-editur ma kellu ebda raguni ghala ma jippublikahiex. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha ragun li ma tilqax din l-eccezzjoni li nghatat quddiemha. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar l-aggravju l-iehor, jirrizulta li l-ittra li giet iffirmata mill-Assistent Kummissarju (Administration) Lawrence Cauchi, ma nkitbitx f' ismu personalment imma fuq letterhead tal-Korp tal-Pulizija u precizament mis-sezzjoni

maghrufa bhala Community and Media Relations Unit . Fuq din il-letterhead bhal fil-kaz ta' letterheads ohra tal-Korp, hemm b' ittri suwed go kaxxa b' mod prominenti fuq nett fuq ix-xellug il-kliem testwali li gej :-

"All communications should be addressed to the Commissioner of Police, and not to individual officers by name or appointment"

Dan ghandu sinifikat rilevanti w importanti ghaliex jaghmilha cara li l-korrispondenza li tigi ndirizzata lill-Korp tal-Pulizija, trid tigi ndirizzata lil kap tal-Korp, ossia lill-Kummissarju li hu l-persuna li jirraprezenta l-Korp kollu. Ovvjament ukoll meta tinkiteb xi korrispondenza minn xi membru tal-Korp, fid-diversi taqsimiet tieghu, ma tkunx qed tinkitb ghan-nom ta' dak il-firmataru personalment imma ghan-nom tal-Korp kapeggjat u rapprezentat legalment mill-Kummissarju tal-Pulizija.Ghalhekk l-eccezzjoni li ma kienet intbaghtet ebda risposta mill-Kummissarju ghax din ir-risposta kienet dikjarazzjoni tal-Korp tal-Pulizija ma treggix. Apparti li l-istess John Pisani meta ghazel li jippublika r-risposta qal li t-talba ghal pubblikazzjoni kienet saret mill-Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi f' isem il-Kummissarju John Rizzo, u jidher li dan ma kellux dubju jew rizervi dwar dan, huwa ovvju li dikjarazzjoni tal-Korp tal-Pulizija ssir mill-kap taghha u l-legittimu rapprezentant skond il-ligi indipendentement minn min mis-subordinati tieghu jkun iffirmaha. Di fatti skond l-Att dwar il-Pulizija ta' Malta, (Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Kummissarju ghandu jkollu l-kmand, direzzjoni w sorveljanza tal-Korp (art. 5 (1) ) u jirraprezenta l-Korp fi proceduri gudizzjarji (Art. 5 (3) ). Il-Kummissarju jkun assistit minn dawk id-Deputati Kummissarji, Assistenti Kummissarji w dawk l-ufficjali ohra tal-Pulizija fir-ranks approvati minn zmien ghal zmien mill-Prim Ministru (art. 5 (2) ) u <u>kull att jew haga li tista' tkun maghmula , ordnata jew kompluta mill-Kummissarju tista', bla hsara ghall-ordnijiet u direttivi tal-Kummissarju, tkun maghmula jew kompluta mid-Deputat Kummissarju jew Assistent Kummissarju</u>. (art. 5 (4)). Konsegwentement l-ittra mibghuta mill-Assistant Kummissarju Cauchi, ntbaghtet f' isem il-Kummissarju tal-Pulizija li jirraprezenta

lill-Korp fi proceduri gudizzjarji. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet gustifikata meta ma laqghetx din l-eccezzjoni tal-appellant Briffa w dan l-aggravju ukoll qed jigi respint .

Konsegwentement l-appell tal-appellant Briffa qed jigi michud.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra l-appell tal-Avukat Generali.

Dan l-appell tal-Avukat Generali jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u kif inhu ormai risaput din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi, jew ma tkunx tidher manifestament eccessiva jew sproporzjonata w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) . Pero' mill-banda l-ohra, meta l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fix-xorta jew il-kwantita' taghha tkun differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghat sentenza, l-Avukat Generali jkollu dritt li jinterponi appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ghab-bazi tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kodici Kriminali, sakemm l-Ewwel Qorti ma ticcitax xi ragunijiet specjali w straordinarji li skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kienu jintitolawha li taghti piena izghar minn dik imsemmija fl-artikolu li jsemmi r-reat li tieghu l-akkuzat ikun instab hati . **("Il-Pulizija vs. Victor Parnis"** [25.9.2003] u ohrajn.)

Ikkonsidrat ;

Illi skond l-artikolu 21 (4) tal-Ligi tal-Istampa (Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta) editur ta' Gazzetta li jonqos li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet kontenuti fl-istess artikolu, fosthom dik li jippublika risposta bi spjegazzjoni jew kjarifika kif fuq intqal, jehel multa , meta jinstab hati, ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200).

Illi fis-sentenza appellata , l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-artikolu 21 tal-Kap.9 biex tiggustifika l-fatt li erogat piena inqas minn dik preskritta mill-ligi w lanqas ma giet indikata bir-reqqa kollha fis-sentenza xi raguni specjali jew straordinarja ghala kienet qed timponi piena izghar mill-minimum f’ dan il-kaz. Qalet biss li kkonsidrat li effettivament il-pubblikazzjoni fil-fatt saret, ghalkemm barra mit-terminu impost mill-ligi. Illi pero’ din zgur li ma hix wahda mir-ragunijiet specjali jew straordinarji kontemplata mill-ligi fl-artikolu 21 tal-Kap. 9 u se mai, u al massimu, din il-konsiderazzjoni setghet biss isservi biex tinduci lill-Ewwel Qorti li teroga piena vicin il-minimu jew addirittura fil-minimu taghha, kif del resto thoss li kien il-kaz din il-Qorti, imma qatt li tintitolha tinzel taht il-minumu preskritt mill-ligi. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher pjenament gustifikat u qed jigi akkolt.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi miz-zewg appelli bil-mod infraskritt. L-appell ta’ Alfred Briffa qed jigi michud u dak tal-Avukat Generali qed jigi milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi riformata billi fil-waqt li qed tigi kkonfermatha in kwantu sabet lill-Alfred Briffa hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, qed tigi revokatha in kwantu kkundannatu ghall-hamsin lira multa u minnflok tikkundannah ghall-mitejn lira multa li hu l-minimu stabilit mill-ligi kif fuq intqal.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------